MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2010

Numru. 73/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Ennio Farrugia, ta' 24 sena, bin Mario u Rita nee' Tabone, imwieled Rabat, nhar it-23 ta' Mejju, 1985, residenti fil-fond numru Albatross, Triq l-Arcisqof Pietru Pace, Rabat (Ghawdex) u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 30285(G);**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Enniop Farrugia li gie akkuzat talli nhar is-16 ta' Awwissu, 2009, ghall-habta tan-nofs siegha ta wara nofsinhar (12:30hrs) u granet ta' qabel gewwa Triq ix-Xatt, Ghajnsielem, u fi bnadi ohra f'Ghawdex;

a) Sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz billi bidel is-sett ta’ pjanci tar-registrazzjoni LGY214 fuq vettura tat-tip Mercedes E Class bin-numru tax-xassi WDB110062A638237 billi wahhal dawn in-numru ai termini tal-Atikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b) Ukoll talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi wahhal in-numru tar-registrazzjoni LGY214 fuq vettura tat-tip Mercedes E Class bin-numru tax-xassi WDB110062A638237, ai termini tal-Artikolu 189 tal-kap. 9 tal-ligijiet ta’ Malta; ;

c) Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, saq vettura tat-tip Mercedes E Class bin-numru tax-xassi WDB110062A638237, meta n-numri tar-registrazzjoni kienu LGY214 li kienu jappartjenu ghal vettura ohra, minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta’ l-Awtorita’ Dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-istess mutur minghajr ma kellu licenzja specifikata biex isuq l-imsemmi mutur, u b’hekk ma kienx kopert b’polza tal-assikurazzjoni ghar-riskji ta’ terzi persuni, ai termini tal-Artikoli 17, 18, 21, u 31 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta;

d) Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi uza l-licenzja tal-vettura LGY214 fuq il-vettura tat-tip Mercedes E Class bin-numru tax-xassi WDB110062A638237, meta n-numri tar-registrazzjoni kien LGY214 li kienu jappartjenu ghall-avvettura ohra;

e) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura meta ma kienx kopert b’polza ta’ l-assigurazzjoni ghall-riskji fuq terzi persuna u dan bi ksur tal-artikolu 3 tal-kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta

f) Ukoll talli fl-istess data, hin u cirkostanzi minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Pulizija jew mill-Awtorita’ Dwar it-Trasport ta’ Malta jew minghajr licenzja tas-sewqan specifikata ghal dik il-vettura, saq din il-vettura bla numru tar-registrazzjoni u dan bi ksur tal-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap 65 tal-ligijiet ta’ Malta;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat 28 ta' Awwissu, 2009;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti tatu zmien jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija u l-fatt li l-imputat ikkollabora mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17 (h), 188 u 189 tal-Kapitolu 9 u 17, 18, 21 u 31 tar-Regolamenti tat-Traffiku 12/1994 Artikolu 3 tal-Kapitolu 104, 15 (1) (a) (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjoni hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446, il-Qorti tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum;

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jew huwa jikkommetti reat iehor matul dan iz-zmien ta' liberta' kundizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------